# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (FIN. SERV.), LL.D.**

**ILLUM 27 ta' Awwissu 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christian Abela)**

**vs.**

**Nguyen Thi Phuong Thuy**
**Pham Hong Quyet**
**Vu Le Anh Thu**
**Nguyen Thi Thu Hang**
**Vu Quang**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputati:

**Nguyen Thi Phuong Thuy** ta' 16 il- sena, Nazzjonalita Vietnamiza, bint Nguyen Vcah Suu u Nguyen Thi Viet, imwielda Vietnam nhar l-01/01/2007 u prezentament toqghod f`residenza mhux maghrufa u detentrici tal-passaport no: P00583727.

**Pham Hong Quyet** ta' 29 il- sena, Nazzjonalita Vietnamiza, iben Pham Tuan u Cao Thithuy, imwieled Vietnam nhar 16/05/1994 u prezentament joqghod gewwa residenza private gewwa Hal-Qormi u detentur tal-passaport C8722802.

**Vu Le Anh Thu** ta' 18 il- sena, Nazzjonalita Vietnamiza, bint Vu Thanh Binh u Le Thi Bhao, imwielda Vietnam nhar 09/04/2005 u prezentament toqghod gewwa residenza private fil-Fgura u detentrici tal-passaport numru P00653929.

**Nguyen Thi Thu Hang** ta' 19 il- sena, Nazzjonalita Vietnamiza, bint Tran Van Toan u Nguyen Thi Lan, imwielda Vietnam nhar 20/11/2003 u prezentament toqghod gewwa residenza privata Zejtun, detentrici tal-passaport P00167618.

**Vu Quang** ta' 33 il- sena, Nazzjonalita Vietnamiza, iben Vu Van Kinh u Nguyen Thi Vinh, imwieled Vietnam nhar 01/08/1990 u prezentament joqghod gewwa residenza privata f`Bormla u detentur tal-passaport P00591259.

<u>**Akkuzati talli:**</u>

*Fis -26 t`Awwissu 2023 ghall-habta ta' sitta w nofs ta` filghodu gewwa Terminal Tal-Virtu Ferries, bħala persuni illi mbarkaw jew żbarkaw, minn jew ġo Malta naqsu illi jagħtu lill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-oħra kif l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xierqa li jeħtieġ (Artikolu 28 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta);*

*U talli fl-istess data, lok u cirkustanzi, bil-moħbi mbarkaw u bahhru ma' bastiment, jew ippruvaw bil-moħbi jimbarkaw biex ibahhru ma' bastiment, mingħajr il-kunsens jew tas-sid jew tal-kaptan tal-bastiment, jew ta' uffiċjal jew persuna oħra inkarigata mill-bastiment, jew ta' xi persuna oħra li jkollha d-dritt li tagħti dak il-kunsens (Artikolu 184 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta);*

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-fedina penali tal-imputati (Dok CA12 sa CA 16), Current Incident Report (Dok CA 6), Stqarrijiet tal-imputati (Dok CA7 sa CA11) u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum 27 ta' Awwissu 2023, lill-imputati kollha jammettu l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u semghethom jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti tathom aktar zmien biex jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom u jikkonsultaw ruhhom mill-gdid mal-avukat taghhom.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati kif verbalizzat waqt l-udjenza.

***IKKUNSIDRAT***

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u dawn ghalhekk gew sodisfacentement ippruvati skond il-Ligi.

Illi meta tigi biex tikkunsidra u tikkalibra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati ghall-akkuzi *de quo*, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputati, l-ammissjoni bikrija taghhom u l-fedina penali tal-imputati. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet mressqa mill-partijiet waqt l-udjenza dwar il-piena inkluz il-fatt li l-imputata Nguyen Thi Phuong Thuy hija minorenni ta' sittax (16) il-sena.

Ghal dawn il-motivi, u wara l-kunsiderazzjonijiet sudetti, l-Qorti wara li rat Artikolu 28 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 184 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni, ssib lill-imputati **Nguyen Thi Phuong Thuy, Pham Hong Quyet, Vu Le Anh Thu, Nguyen Thi Thu Hang** u **Vu Quang** hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom in kwantu ghal hatja **Nguyen Thi Phuong Thuy** <u>tlett (3) xhur priġunerija</u>, filwaqt li kwantu ghal-hatja l-ohra kollha **Pham Hong Quyet, Vu Le Anh Thu, Nguyen Thi Thu Hang** u **Vu Quang** <u>sitt (6) xhur priġunerija kull wiehed/wahda</u>.

**Dr. Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Caroline Perrett**
**Deputat Reġistratur**

**27 ta' Awwissu 2023**